# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 34**

**Rikors numru 787/12/1 AF**

**Tabone Computer Centre Limited (C12340)**

**v.**

**Emanuel Stivala Company Limited (C12270)**

**Preliminari:**

1. Il-partijiet kellhom kuntratt bejniethom li abbażi tiegħu s-soċjetà attriċi kellha tissupplixxi, tinstalla u tmantni servizzi ta' internet u servizzi relatati mal-internet lis-soċjetà konvenuta fil-proprjetà tagħha Kingsgate House, Aparthotel, University Heights, Msida, bil-kundizzjonijiet kif stipulati fl-istess kuntratt.

2. Is-soċjetà attriċi ssostni li bil-fatt li s-soċjetà konvenuta eventwalment qabdet u tfiet is-sistema u nstallat *access points* tagħha:

(i) hija kisret il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt u allura skont il-klawsola dwar "*non compliance*" jiġi li għandha tixtri l-*computer system* u l-*communications hardware* bil-prezz kif stipulat fil-kuntratt; kif ukoll

(ii) itterminat il-kuntratt qabel it-terminu miftiehem u għalhekk skont il-klawsola dwar "*termination prior to end of contract*" jiġi li trid tħallas ammont biex ikopri t-telf ta' qligħ.

3. Għalhekk permezz ta' din il-kawża talbet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordna lis-soċjetà konvenuta tħallasha:

(i) **€11,879.80** abbażi tal-klawsola dwar "*non compliance*": liema ammont jirrappreżenta l-prezz tax-xiri tal-*computer system* u l-*communications hardware* li jinsab fil-fond tas-soċjetà konvenuta, u talbet ukoll li jiġu nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjetà konvenuta fuq il-kuntratt ta' bejgħ; u

(ii) **€22,681.15** (jew ammont ieħor verjuri) abbażi tal-klawsola dwar "*termination prior to end of contract*": rappreżentanti kumpens għal telf ta' qligħ.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fl-24 ta' Ottubru, 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet limitatament in kwantu ordnat lis-soċjetà konvenuta tħallasha **€10,573.02** (mhux €11,879.80) bħala prezz għax-xiri tal-*computer system* u l-*communications hardware*, u **€11,340.58** (mhux €22,681.15) għat-telf ta' qligħ; bl-imgħax mid-data tas-sentenza. Ordnat ukoll li l-ispejjeż kellhom jitħallsu ⅓ mis-soċjetà attriċi u ⅔ mis-soċjetà konvenuta.

5. Minn tali sentenza:

**(a) <u>Fid-9 ta' Novembru, 2017, s-soċjetà konvenuta interponiet APPELL PRINĊIPALI fejn talbet lil din il-Qorti:</u>**

> *"1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta` konvenuta billi ma jirriżultax li din tal-aħħar kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt datat 16 ta' Jannar 2013, kif imġedded, bejn il-partijiet;*
>
> *2. Tħassarha in kwantu laqgħet parzjalment l-ewwel talba tas-soċjeta` attriċi appellata fl-ammont ta' …..€10,573.02; u t-tielet talba tas-soċjeta` appellata fl-ammont ta' ….€11,340.58;*
>
> *3. Konsegwentement, tħassarha in kwantu laqgħet it-tieni talba tas-soċjeta` attriċi appellata;*
>
> *4. F'każ li ma tintlaqax it-tieni talba, tirriduċi l-ammont akkordat mill-Ewwel Onorabbli Qorti taħt l-ewwel talba tas-soċjeta` attriċi appellata minn…€10,573.02 għal…..€8,791.05 jew ammont ieħor verjuri li jiġi deċiż minn din il-Onorabbli Qorti in linea mal-kalkoli magħmula taħt it-tieni aggravju f' dan ir-rikors tal-appell.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata."*

**(b) <u>Fl-24 ta' Settembru, 2018, is-soċjetà attriċi interponiet APPELL</u>**

**<u>INĊIDENTALI mis-sentenza appellata fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:</u>**

> *"…filwaqt li tiċħad l-appell tas-soċjeta` intimata sakemm mhux kompatibbli mas-surreferit, tilqa' l-appell inċidentali tas-soċjeta` esponenti, tikkonferma s-sentenza appellata sakemm din laqgħet it-talbiet attriċi u tirrevokaha fir-rigward tas-somom likwidati a bażi tal-ewwel u tat-tielet talba u kwindi tipprovdi f' dan ir-rigward bili fir-rigward tal-ewwel talba tillikwida u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lill-attriċi is-somma ta' …€11,879.80 bl-imgħax u fir-rigward tat-tielet talba tillikwida u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lill-attriċi s-somma ta' …€22,681.15 bl-imgħax u bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta` intimata."*

6. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli din il-Qorti sejra tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti:
>
> Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> B'kuntratt datat 16 ta' Jannar 2003 (Dok. A) il-partijiet ftehmu li s-socjetà attrici kellha tissupplixxi, tinstalla u tmantni key turn solution sabiex tipprovdi servizzi ta' internet u servizzi relatati ma' internet lis-socjetà intimata fil-proprjetà tal-istess socjetà intimata Kingsgate House, Apart Hotel, University Heights, Msida u dan bil-kundizzjonijiet u pattijiet stipulati fl-istess kuntratt.
>
> Sabiex jiffunzjona dan is-servizz u din is-soluzzjoni is-socjetà attrici installat communication equipment, communication line u 5 computers bl-attrezzi taghhom.
>
> Dan il-kuntratt kellu terminu ta' 5 snin u gie mgedded fid-9 ta' Frar 2009, fil-5 ta' Awwissu 2009, u fl-14 ta' Marzu 2011 gie mgedded ghal 5 snin mill-istess data (Dok. B, C u D).
>
> Skond il-kuntratt fuq imsemmi hemm stipulat illi jekk is-socjetà intimata ma tadderixxhiex ma' xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, dan l-agir jigi konsiderat bhala rikjesta ghax-xiri tal-computer system u l-communications hardware u fi zmien 10 ijiem minn mindu isir rikjesta bil-miktub mis-socjetà attrici, is-socjetà intimata ghandha tixtrihom u dan bil-prezz ta' Lm1000 ekwivalenti ghal €2329.37 ghal communication system u bil-prezz ta' Lm850 ekwivalenti ghal €1979.96, ghal kull computer, monitor u networking installat fil-post tas-socjetà intimata. Is-software u l-patents jibqghu proprjetà tas-socjetà attrici.

Bl-istess kuntratt gie miftiehem ukoll li jekk s-socjetà intimata tonqos li tixtri il-communication system u l-communication equipment konsistenti f'computers, monitors u networking fi zmien stipulat, hija tibda thallas is-somma ta' Lm10 ekwivalenti ghal €23.29 kuljum per computer system, sakemm il-prezz kollu tal-computer system u computer hardware jigi mhallas fl-intier tieghu.

Il-kuntratt fuq imsemmi jistipula wkoll illi jekk barra li jkun hemm inadempjenza tas-socjetà intimata ma' xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, ikun hemm ukoll terminazzjoni tal-kuntratt mis-socjetà intimata qabel il-perjodu miftiehem, is-socjetà intimata wara li tigi rikjesta mis-socjetà attrici ghandha thallas ammont ta' flus sabiex tkopri t-telf ta' qligh soffert mis-socjetà attrici minhabba din it-terminazzjoni. Skond il-kuntratt dan l-ammont ghandu jigi kalkolat billi jittiehed in-numru tal-computers li jkunu qeghdin ghand is-socjetà intimata, liema numru jigi multiplikat b'4 sieghat kull jum u dan l-ammont jerga jigi multiplikat bin-numru ta' granet li jkun fadallu l-kuntratt biex jaghlaq u dan l-ammont jerga jigi multiplikat bil-chargeable price per hour li jkun qieghed japplika meta issir it-terminazzjoni. L-ammont totali jigi imbaghad maqsum 50/50 (maximum number of computers x 4 x days remaining to end of contract x hourly rate/2).

Is-socjetà intimata qabdet u tfiet is-sistema u installat l-internet access points taghha u b'hekk kissret il-kundizzjonijiet stipulati fi-kuntratt.

Di più is-socjetà intimata qabdet u tfiet is-sistema u installat access points taghha, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza talbet lis-socjetà attrici biex tiehu lura l-equipment u ghalhekk b'dawn l-agiri itterminat il-kuntratt minghajr l-ebda raguni gusta u valida fil-ligi.

Is-socjetà attrici interpellat lis-socjetà intimata sabiex fi zmien 10 ijiem tixtri il-computer system u l-computer hardware bil-prezz ta' €11,879.80 kif ukoll sabiex thallas l-ammont ta' €22,681.15 bhala kumpens ghal telf ta' qligh u dan skond kif hemm stipulat fil-kuntratt, izda s-socjetà intimata baqghet inadempjenti (Dok. E).

Is-socjetà attrici qeghda tesebixxi prospett ta' dak li qeghda tippretendi b'din il-kawza (Dok. F).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tordna lis-socjetà intimata sabiex ai termini tal-kuntratt imsemmi tas-16 ta' Jannar 2003, tixtri il-computer system u l-communications hardware li hemm fil-post tas-socjetà intimata bil-prezz ta' €11,879.80 u tikkundanna lill-istess socjetà intimata sabiex thallas l-istess prezz ta' €11,879.80 lis-socjetà attrici.

2. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghan-nom u in

rapprezentanza tal-istess socjetà intimata fuq il-kuntratt ta’ bejgh.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà attrici sabiex ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi tas-16 ta’ Jannar 2003 thallas bhala kumpens ghal telf ta’ qligh skond il-kriterji u pattijiet stipulati u miftehma fl-istess kuntratt l-ammont ta’ €22,681.15 jew ammont iehor verjuri kif stabbilit minn din il-Qorti.

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru Nru. 1112/12 kontra s-socjetà attrici li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta intimata li permezz tagħha eċċepiet illi[1]:

1. It-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Il-kuntratt ta’ servizzi datat 16 ta’ Jannar 2003, anness mar-rikors guramentat tas-socjetà attrici bhala “Dok. A”, skada nhar is-16 ta’ Jannar 2008 u qatt ma gie mgedded mill-partijiet.

3. L-allegat tigdid tal-14 ta’ Marzu 2011 (“Dok. D” mar-rikors promotorju) huwa invalidu stante li ma jaqax entro t-terminu originali tal-kuntratt kif titlob il-klawsola mhux numerata u ntitolata “Period” tal-istess kuntratt, li tghid “*This contract is for a definite period of five years and can be renewed for additional five year periods before expiry. On expiry the company will collect back the system from the Frontend.*” L-istess japplika ghall-allegati tigdid tad-9 ta’ Frar 2009 (“Dok. B” mar-rikors promotorju) u tal-5 ta’ Awwissu 2009 (“Dok. C” mar-rikors promotorju). Huwa car illi t-tigdid mhux awtomatiku u kwalunkwe tigdid kellu jsir entro t-terminu originali tal-kuntratt, ossia qabel is-16 ta’ Jannar 2008. Dan fil-fatt qatt ma sar u kien sta ghas-socjetà attrici li tigbor hwejjigha minn gol-proprjetà tas-socjetà intimata fl-ahhar tal-kuntratt, xi haga li s-socjetà intimata *ex admissis* tablet lis-socjetà attrici biex taghmel.

4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, anki li kieku tali allegat tigdid kien jaqa’ entro t-terminu originali tal-kuntratt kif mitlub, l-allegat tigdid huwa iffirmat minn Manuel Stivala fil-kapacità tieghu personali, tant li mkien fuq l-ebda dokument li allegatament igedded il-kuntrate tas-16 ta’ Jannar 2003 ma hemm referenza la ghall-kuntratt innifsu, u wisq anqas ghas-socjetà intimata. Isegwi allura li l-kuntratt tas-16 ta’ Jannar 2003 qatt ma gie mgedded mill-partijiet.

5. In vista ta’ u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kwalunkwe

[1] L-ewwel qorti ma rriproduċietx in-numri tal-eċċezzjonijiet u għalhekk din il-qorti qegħda tinserixxihom hi stess hawnhekk.

relazzjoni bejn il-partijiet wara s-16 ta' Jannar 2008 ma baqatx regolata mill-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2003.

6. Minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, kwalunkwe allegat tigdid tal-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2003 huwa monk u invalidu stante li l-kunsens tal-firmatarju Manuel Stivala huwa vizzjat ai termini tal-artikolu 974 tal-Kodici Civili kif jigi ppruvat waqt il-kawza. Din l-eccezzjoni qed titressaq fid-dawl tal-artikolu 1226 (1) tal-Kodici Civili.

7. Inoltre u kif ser jigi ppruvat waqt l-andament tal-kawza, kwalunkwe allegat tigdid tal-kuntratt originali huwa difettuz ghall-mankanza tal-bona fidi da parti tas-socjetà attrici kif rikjest mill-artikolu 993 tal-Kodici Civili u ghaldaqstant l-istess socjetà attrici ghandha ggarrab is-sanzjonijiet ghal ghemilha skont ma jidhrilha din l-Onorabbli Qorti.

8. Il-klawsola intitolata *Non-Compliance* tikkonstata kuntratt ta' bejgh li jiskatta meta u jekk is-socjetà konvenuta tikser l-obbligi taghha taht il-kuntratt, u ghaldaqstant ghandha tigi regolata bil-provizjonijiet dwar il-kuntratt ta' bejgh f'kaz illi s-socjetà attrici tipprova dan il-ksur. F'dan il-kaz, tali eventwali bejgh, huwa vizzjat ai termini tal-artikolu 976 tal-Kodici Civili billi l-kompjuters formanti parti mill-kuntratt jaghtu l-impressjoni li huma mudell partikolari ta' marka rinomata. Dan il-mudell ta' din il-marka suppost ikun fih il-komponenti imnizzla fil-lista ta' specifikazzjonijiet hawn annessa bhala "Dok. ESL1", mentri fil-fatt, id-diversi komponenti interni li jiffurmaw l-istess kompjuters huma ta' kwalità inferjuri minn dik miftehma, u dan kif jixhed ir-rapport/stima hawn anness bhala "Dok. ESL2".

9. In oltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjetà attrici kisret l-obbligi taghha taht il-kuntratt billi installat software mhux licenzjat fuq il-kompjuters formanti parti mis-suggett tal-kuntratt kif jixhed l-anness rapport (Dok. ELS2) u kif jigi ppruvat f'aktar dettall waqt il-kawza. Dan il-ksur lampanti tal-kuntratt da parti tas-socjetà attrici jipprekludiha milli titlob l-esekuzzjoni ta' jew danni emergenti mill-kuntratt skond il-principju *inadimplenti non est adimplendum*.

10. Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia mressqa, l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ghandu jigi rivedut minn din l-Onorabbli Qorti fid-dawl tal-artikolu 1122 tal-Kodici Civili stante illi l-klawsoli li qed tattenta tenforza s-socjetà attrici ghandhom min-natura ta' klawsola ta' penali fil-kaz tal-ewwel klawsola ("*Non-Compliance*"), u min-natura ta' likwidazzjoni ta' danni fil-kaz tat-tieni klawsola ("*Termination prior to end of contract").* Din l-eccezzjoni qed titressaq fid-dawl tal-principju tal-bona fidi u tar-regola *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit* li jippermettu ir-ridimensjonament tal-applikazzjoni u l-effett literali ta' klawsoli simili jekk jirrizulta illi dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u

morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjetà u l-logika guridika.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jingiebu skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tkompli tinstema' u tinqata'.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti ssib illi s-soċjetà intimata naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha għaliex unilateralment itterminat il-kuntratt ta' servizz bejn il-partijiet u li allura għandha tħallas id-danni u penali skont ma jipprovdi l-istess kuntratt.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fis-16 ta' Jannar 2003 is-soċjetà attriċi daħlet fi ftehim mas-soċjetà intimata sabiex tikkonsenjalha, tistallalha u żżommilha għaddejja sistema ta' '*turn-key solution'* li biha kellu jingħata aċċess għall-internet u servizzi tal-internet lill-klijenti tal-intimata fl-istabbiliment tagħha bl-isem ta' King's Gate House Aparthotel, University Heights, Imsida. Skont dan il-ftehim, is-sistema kellha titħaddem b'erba' computers. Il-ftehim kellu jkun għal ħames snin u kien jispeċifika wkoll illi l-kuntratt seta' jiġġedded qabel jiġi fi tmiemu. L-attriċi kellha tibqa' s-sid tas-sistema stallata u l-intimata intrabtet fost affarijiet oħra li ma ddaħħal l-ebda sistema oħra ta' internet għall-klijenti tagħha sakemm ikun għadu fis-seħħ il-kuntratt.

Jirriżulta li l-imsemmi kuntratt ġie mġedded mill-partijiet tlett darbiet oħra għall-perjodu ta' ħames snin kull darba permezz ta' tlett kitbiet datati 9 ta' Frar 2009, 5 ta' Awwissu 2009 u 17 ta' Marzu 2011 rispettivament fejn Emanuel Stivala ffirma wkoll għal sitt computers ġodda minflok dawk l-erbgħa kkonsenjati oriġinarjament.

Il-kuntratt kien jipprovdi wkoll illi kemm-il darba s-soċjetà intimata tikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ftehim, hija kienet titqies illi tkun għamlet rikjesta lill-attriċi sabiex tixtri l-hardware li kien jagħmel parti mis-sistema, b'dan illi s-software kellu dejjem jibqa' proprjetà tas-soċjetà attriċi, u li tħallas prezz stabbilit għal dan il-hardware skont ma jipprovdi l-kuntratt, fi żmien għaxart'ijiem mill-ittra li tiġi mibgħuta mis-soċjetà attriċi bħala pre-avviż. B'żieda ma dan, il-klawsola sussegwenti kienet tipprovdi li f'każ li l-intimata ittemm il-kuntratt qabel

iż-żmien, hija kellha tħallas lill-attriċi somma flus sabiex tagħmel tajjeb għat-telf ta' servizz li kien jkun għad fadal daqs li kieku l-kuntratt ma ġiex hekk itterminat qabel iż-żmien stipulat.

Is-sistema baqgħet titħaddem sa Lulju 2012 u ċioè sa meta l-attriċi tgħid illi l-intimata tfiet is-sistema kollha u Emanuel Stivala, għan-nom tal-intimata, għamel talba lill-attriċi sabiex tiġi tiġbor it-tagħmir tagħha għaliex l-intimata ma kienitx interessata li tkompli bis-servizz. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2012, l-attriċi baghtet tinforma lill-intimata li wara li għamlet spezzjoni fil-post irriżultalha li s-sistema ma kienitx qiegħda titħaddem. Għaldaqstant, fl-istess ittra, l-intimata ntalbet tħallas il-penali u danni skont l-imsemmija żewġ klawsoli tal-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2003.

Jirriżulta li matul is-snin illi dam fis-seħħ il-ftehim bejn il-partijiet, is-soċjetà attriċi kienet sikwit tagħmel xogħol ta' manutenzjoni, upgrading u saħansitra anke tibdel il-computers u l-aċċessorji tagħhom skont il-bżonn.

Is-soċjetà intimata laqgħet għat-talbiet attriċi billi eċċepiet[2] li l-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2003 kien skada u qatt ma ġie mġedded mill-partijiet. Sabiex tispjega l-eċċezzjoni tagħha, hija tkompli billi tgħid[3] illi l-kuntratt ma setax jiġi mġedded skont il-kitbiet li saru sussegwentement għaliex dawn kienu ffirmati wara li skada l-kuntratt oriġinali, u dan meta l-kuntratt kien jipprovdi li t-tiġdid kellu jsir qabel ma jiskadi l-perjodu ta' validità tiegħu. Il-Qorti tqis illi l-intimata m'għandhiex raġun f'din l-eċċezzjoni tagħha. Ladarba Emanuel Stivala ffirma dawn il-kitbiet, fejn hemm speċifikament indikat li huwa kien qiegħed jaċċetta li l-kuntratt jiġi mġedded, ma jistax jaħrab mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu billi jargumenta li l-estensjoni ġiet iffirmata wara l-iskadenza tal-kuntratt. Stivala jiddefendi ruħu biss billi jgħid illi ma kienx jaf li qiegħed jiffirma għall-estensjoni tal-kuntratt għaliex ma jafx jaqra. Din l-iskuża la hija verosimili u lanqas valida. Il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen li Stivala, li kien jiġġestixxi negozju konsistenti f'bar u kiri ta' akkomodazzjoni, ma kienx jaf għal xiex kien qiegħed jiffirma, u jekk veru ma jafx jaqra, huwa kien imissu talab parir qabel iffirma. Persuna b'diliġenza ordinarja kellha tipprevedi li b'dak il-kliem kienet qiegħda tintrabat mill-ġdid skont it-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt oriġinali.

L-intimata eċċepiet wkoll[4] illi fi kwalunkwe każ, il-kitbiet li permezz tagħhom ġie estiż it-terminu tal-kuntratt oriġinali kienu dejjem iffirmati minn Emanuel Stivala f'ismu personali. Din il-Qorti ssib illi lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba. B'żieda mal-fatt illi l-intimata ma ressqet l-ebda prova dwar din l-eċċezzjoni, ladarba Stivala kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-kuntratt jiġi estiż, huwa altru milli ovvju li l-kuntratt li ssir referenza għalih huwa dak tas-16 ta' Jannar 2003. Ma tressqet l-ebda prova li turi li kien hemm xi kuntratt ieħor bejn is-

[2] L-ewwel qorti hawnhekk qed tirreferi għat-tieni (2) eċċezzjoni
[3] L-ewwel qorti hawnhekk qed tirreferi għat-tielet (3) eċċezzjoni
[4] L-ewwel qorti hawnhekk qed tirreferi għar-raba' (4) eċċezzjoni

soċjetà attriċi u Emanuel Stivala personalment. Isegwi għalhekk illi l-ħames eċċezzjoni wkoll għandha tiġi miċħuda.

Permezz ta' deċiżjoni datata 10 ta' Ġunju 2013, din il-Qorti diversament presjeduta ddikjarat illi s-sitt eċċezzjoni tal-intimata hija inammissibli in kwantu li kellha titressaq permezz ta' azzjoni ad hoc u mhux per via ta' eċċezzjoni. Il-Qorti tikkonsidra li l-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tmien eċċezzjoni.

*…omissis…*

Is-sitt u tmien eċċezzjonijiet tal-intimata qegħdin għalhekk ukoll jiġu miċħuda.

Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll[5] in-nuqqas ta' bona fede da parti tas-soċjetà attriċi a tenur tal-artikolu 993 tal-Kap. 16, li jipprovdi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fede, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Madanakollu, l-intimata ma ressqet l-ebda prova dwar din l-eċċezzjoni. In-nuqqas ta' bona fidi jrid jiġi ppruvat minn min jallegah u għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

L-intimata tikkontendi wkoll permezz tad-disa' eċċezzjoni tagħha li l-attriċi kisret l-obbligi tagħha għaliex istallat software mhux liċenzjat fuq il-computers mertu tal-ftehim bejn il-partijiet.

*…omissis…*

Il-Qorti fliet id-dokumenti kollha li flimkien jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u minn imkien ma jirriżultalha li l-attriċi kienet obbligata tistalla xi software jew ieħor kif donnha qiegħda tippretendi l-intimata. Ma tistax l-intimata tixli lill-attriċi bi ksur ta' obbligu li ma jeżistix. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

*…omissis…*

Meqjus dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li l-attriċi pprovat b'mod sodisfaċenti li l-intimata kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha billi tfiet is-sistema u saħansitra talbet lill-attriċi tieħu t-tagħmir tagħha kollu lura qabel ma skada t-terminu tas-servizz kif miftiehem fl-aħħar skrittura tas-17 ta' Marzu 2011. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-intimata tikkontendi li l-attriċi tistrieh fuq il-ksur tal-klawsola tal-kuntratt li permezz tagħha ġie stipulat li hija ma setgħetx tipprovdi servizz ta' internet ieħor lill-klijenti tagħha ħlief dak provdut mill-attriċi. Madanakollu, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li dan huwa minnu in kwantu li l-azzjoni attriċi hija fil-fatt ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-intimata kisret

[5] L-ewwel qorti hawnhekk qed tirreferi għas-seba' (7) eċċezzjoni

l-obbligi tagħha billi tfiet is-sistema, u allura tterminat il-kuntratt qabel il-waqt, liema allegazzjoni l-Qorti tqis illi ġiet ipprovata minnha fil-mori tal-kawża.

Emanuel Stivala, għan-nom tal-intimata jipprova jaħrab mill-obbligi tiegħu billi jgħid illi l-prezz għall-użu mill-klijenti tiegħu kien għoli u li l-computers sikwit ma kienux jaħdmu. Madanakollu, la ġab prova ta' dan kollu u lanqas jista jaħrab mill-obbligi tiegħu b'daqshekk, għaliex huwa baqa' jaċċetta s-servizz tant illi kif diġà ngħad baqa' jiffirma għall-estensjoni tal-kuntratt. L-intimata ma kellha l-ebda dritt illi twaqqaf il-kuntratt meta jidhrilha hi, u għal dan il-ksur għandha tbati l-konsegwenzi skont ma tipprovdi l-liġi.

Imiss issa li jiġu kkunsidrati t-talbiet attriċi kif ukoll l-aħħar eċċezzjoni[6] tal-intimata. In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri</u>, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' April 2008. Din id-deċiżjoni kienet tirrigwarda ċirkostanzi simili in kwantu li kienet ibbażata fuq ksur tal-istess kuntratt ta' servizz ma terzi persuni:

> *"Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat. Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun.*
>
> *Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni). Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas.*
>
> *Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-*

[6] L-ewwel qorti hawnhekk qed tirreferi għall-għaxar (10) eċċezzjoni

*obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri.*

*Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni."*

*…omissis…*

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas abbażi taż-żewġ klawsoli msejħa '*non-compliance*' u '*termination prior to end of contract*'. L-ewwel klawsola tipprovdi li jekk kemm-il darba l-intimata tonqos milli tonora xi waħda mill-klawsoli tal-ftehim, hija titqies li tkun talbet li tixtri t-tagħmir fornit lilha. Din il-klawsola, li imbagħad tkompli billi tillikwida l-prezz tat-tagħmir, għandha l-forma ta' penali għan-nuqqas ta' twettiq f'waqtu ta' xi obbligazzjoni.

It-tieni klawsola tistabbilixxi l-kriterju għad-danni li l-attriċi tkun meqjusa li tkun ġarrbet talli l-kuntratt ikun ġie tterminat qabel iż-żmien. Dawn id-danni għandhom jinħadmu fuq formola li tqis l-ogħla għadd ta' computers użati mill-intimata f'kull żmien tal-kuntratt multiplikat b'erba' siegħat u għadd ta' jiem li l-kuntratt kien ikun għad fadallu biex jiġi fi tmiemu. Is-somma li tirriżulta minn din il-formola imbagħad għandha tinqasam fit-tnejn. Din il-klawsola għandha min natura ta' likwidazzjoni ta' danni.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li huwa permess illi l-kreditur jitlob kemm il-penali kif ukoll il-likwidazzjoni ta' danni. Mill-atti tal-kawża ma tirriżultax id-data preċiża meta ntfiet is-sistema. Il-Qorti sejra għalhekk tikkunsidra li s-sistema ntfiet fis-17 ta' Lulju 2012 u ċioè d-data meta skont il-provi jirriżulta li Stivala għamel kuntatt mal-attriċi u talabha tieħu lura t-tagħmir tagħha.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat prospett tal-penali u danni likwidati minnha maħduma skont l-imsemmija żewġ klawsoli, minn fejn jirriżulta li qiegħda titlob l-ammont ta' €11,879.80 għax-xiri tat-tagħmir skont il-klawsola msejħa '*non-compliance*' u l-ammont ta' €22,681.15 bħala danni maħduma skont il-klawsola msejħa '*termination prior to end of contract*'.

Filwaqt li l-Qorti ma tistax tinjora li dawn iż-żewġ klawsoli jagħmlu parti mill-ftehim u li l-intimata qablet magħhom tant li ffirmat il-kunsens tagħha għalihom, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza kwotata u għas-segwenti raġunijiet, dawn il-penali u danni għandhom jiġu mnaqqsa kif ser jingħad.

Fir-rigward tal-klawsola '*non-compliance*', kif diġà ngħad, il-Qorti sejra tieħu s-17 ta' Lulju 2012 bħala d-data meta l-intimata tfiet is-sistema u allura, kien minn dak inhar illi hija kissret l-obbligi tagħha taħt il-kuntratt. L-imsemmi kuntratt, kif estiż, kellu jkopri l-perjodu mis-17 ta' Marzu 2011 sas-16 ta' Marzu 2016. In kwantu li l-intimata esegwiet il-kuntratt għal 199 minn 1827 ġurnata u ċioè 11% mill-perjodu miftihem, il-penali għandhom jiġu riveduti sabiex isir tnaqqis skont dan il-perċentwali biex jirriflettu l-parti mill-kuntratt esegwit, b'dan illi għax-xiri tas-sistema l-intimata għandha tħallas 89% tal-ammont mitlub li jammonta għal €10,573.02.

F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ċitata ta' <u>Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri</u> li kif diġà ntqal kienet tirrigwarda ċirkostanzi simili.

Għar-rigward tal-klawsola sussegwenti, u ċioè dik li tistabbilixxi d-danni għat-terminazzjoni qabel tmien il-kuntratt, il-Qorti tinnota li l-likwidazzjoni tad-danni għandha tinħadem abbażi tan-numru ta' computers immultiplikat b'erba siegħat kuljum għan-numru ta' ġranet li kien ikun għad-fadallu l-kuntratt sabiex jiskadi. Din il-formola allura tippresupponi li dawn is-sitt computers kienu ser jitħaddmu kuljum għal erba' siegħat kull wieħed. Madanakollu, l-attriċi ma ressqet l-ebda prova li turi li qabel ġiet mitfija s-sistema, dawn il-computers kienu qegħdin jitħaddmu kollha kuljum għall-erba' siegħat.

B'żieda ma dan, fl-aħħar snin, id-disponibiltà tas-servizzi għall-aċċess tal-internet żdied, u ħafna huma dawk li jagħmlu użu mill-i*smartphone* tagħhom sabiex jaċċessaw l-internet. Għalhekk, il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen illi li kieku l-intimata ma tterminatx il-kuntratt qabel waqtu, l-attriċi kienet ser tagħmel il-qligh li qiegħda tirriklama bħala danni. Din il-klawsola kienet parti minn kuntratt li ġie ffirmat fl-2003, meta s-servizz relatat mal-aċċess għall-internet kien aktar limitat u inqas mifrux, u allura, id-domanda għall-użu tal-computers in kwistjoni mill-klijenti tal-intimata ċertament kien tali li l-qligħ tal-attriċi kien ser ikun ferm aktar minn dak li kienet ser tipperċepixxi f'dawn l-aħħar ħames jew sitt snin li kieku l-intimata ma tterminatx il-kuntratt. Ladarba d-danni jirrisalu għall-perjodu mill-2012 sal-2016, il-formola li fuqha qiegħda tippretendi l-likwidazzjoni tad-danni l-intimata, fil-fehma tal-Qorti, mhijiex ġusta għaliex ma tirriflettix ir-realtà u d-danni li verament sofriet l-attriċi minħabba l-aġir tal-intimata.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, id-danni dovuti lill-attriċi għandhom jiġu mnaqqsa bin-nofs ta' dak li qiegħda tirreklama, għalhekk qegħdin jiġu likwidati fl-ammont ta' €11,340.58.

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna lis-soċjetà intimata sabiex ai termini tal-kuntratt tas-16 ta' Jannar 2013 tixtri l-computer system u

l-communication hardware li hemm fil-fond tas-soċjetà intimata bil-prezz ta' għaxart elef, ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u żewġ Ċenteżmi (€10,573.02) u tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' għaxart elef, ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u żewġ Ċenteżmi (€10,573.02) bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

2. Tilqa' t-tieni talba u tahtar lil Dr. Josette Grech biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt ta' bejgħ;

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas ukoll lis-soċjetà attriċi għat-telf ta' qligħ l-ammont ta' ħdax-il elf, tlett mija u erbgħin Ewro u tmienja u ħamsin Ċenteżmu (€11,340.58) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż jitħallsu kwantu għall-terz mis-soċjetà attriċi u żewġ terzi mis-soċjetà intimata."

**<u>RIKORS TAL-APPELL PRINĊIPALI tas-soċjetà konvenuta:</u>**

7. L-aggravji tas-soċjetà konvenuta huma in suċċint is-segwenti:

**(i) <u>Il-ksur *o meno* tal-kuntratt:</u>**

(a) <u>Minħabba l-istallazzjoni ta' internet li mhux tas-soċjetà attriċi:</u>

Is-soċjetà konvenuta tilmenta li ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti meta eskludiet li l-azzjoni kienet ibbażata fuq il-ksur tal-obbligi kuntrattwali abbażi tal-klawsola li ma setgħetx tipprovdi servizz ta' internet ieħor lill-klijenti tagħha ħlief kif provdut mis-soċjetà attriċi. Bħala prova li hija fil-fatt ma għamlitx hekk taċċenna għas-sottomissjonijiet tagħha fejn kienet spjegat kif l-internet l-ieħor li kellha ma kienx għall-użu tal-klijenti, u li għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-kuntratt.

(b) Minħabba tifi tas-sistema tas-soċjetà attriċi:

Fi kwalunkwe każ taċċetta li s-suepost ma jeskludix li l-azzjoni tas-soċjetà attriċi kienet ibbażata wkoll fuq it-tifi tas-sistema. F'dan ir-rigward però ssostni li dan il-fatt ma jwassalx għall-ksur tal-kuntratt (*stante* li qatt ma ġiet mifthiem li s-sistema ma setgħetx tagħmel xi żmien mitfija), u li fi kwalunkwe każ tgħid li s-soċjetà attriċi qatt ma ndenjat tindaga dwar ir-raġuni għaliex is-sistema setgħet intfiet.

**(ii) L-ammont tal-penali:**

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, is-soċjetà konvenuta ma taqbilx mal-kalkolu tal-penali li għamlet l-Ewwel Qorti fejn waslet għall-ammont ta' €10,573.02. Hija targumenta li l-ewwel data li kellha tiġi kkunsidrata fir-ridimensjonament tal-penali kienet is-16 ta' Jannar, 2003, meta beda l-kuntratt, u mhux is-17 ta' Marzu, 2011, meta ġie estiż, u dan għaliex *si tratta* ta' kuntratt kontinwu. Tgħid li l-preċentwali esegwita għalhekk kienet 72% li jwassal għall-penali ta' €3,326.34 (€11,879.8 x 28%).

Fi kwalunkwe każ tgħid li anke kieku wieħed kellu japplika d-data li qieset l-Ewwel Qorti, xorta nħadmet inkorrettament għaliex il-ġranet sal-

ksur jiġu 488 u mhux 199, u għalhekk il-penali *se mai* jiġu €8,791.05 u mhux €10,573.02.

**RIKORS TAL-APPELL INĊIDENTALI tas-soċjetà attriċi:**

8. L-aggravji tas-soċjetà attriċi bażikament jirrigwardaw il-kwantum tas-somom likwidati in linea ta' penali u in linea ta' danni, għalhekk din il-Qorti qed tissintetizzahom kif ġej:

**(i) Il-likwidazzjoni tal-penali** (dwar l-ewwel talba attriċi):

Kwantu għall-klawsola konċernanti n-*non-compliance* s-soċjetà attriċi targumenta li din ma tistax titqies li tippermetti xi forma ta' temperament in vista ta' eżekuzzjoni parzjali. Issostni li dawn il-penali jikkonsistu fil-prezz tax-xiri tal-apparat fejn is-soċjetà konvenuta ġiet kostretta takkwista l-mobbli wżati minnha versu l-prezz kif pattwit. Issostni li l-prezz kien wieħed u kellu jipprevali mingħajr temperament.

**(ii) Il-likwidazzjoni tad-danni** (dwar it-tielet talba attriċi):

Kwantu għall-klawsola dwar it-*termination prior to end of contract* issostni li hawnhekk ukoll ma kien hemm xejn li seta' jiġġustifika xi temperament fil-likwidazzjoni tad-danni, u dan għaliex iż-żewġ partijiet

kienu qablu dwar il-formola li kellha tiġi wżata f'każ ta' ksur tal-kuntratt. Issostni li l-Art. 1122 tal-Kodiċi Ċivili ma jista' bl-ebda mod jitqies applikabbli.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Il-kuntratt mertu tal-kawża:**

9. Permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar, 2003[7], li ġie mġedded fid-9 ta' Frar, 2009[8], fil-5 ta' Awwissu, 2009[9], u fis-17 ta' Marzu, 2011[10] (kull darba għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin) il-kontendenti[11] daħlu fi ftehim dwar provvediment ta' servizz ta' internet u servizzi konnessi, deskritt fl-imsemmi kuntratt kif isegwi:

> *"Service:*
>
> *The Company will supply, install and maintain all the necessary turn-key solution to enable access to the internet and internet-related services to be used by customers located at the Frontend at the following address: KINGSGATE HSE, APARTHOTEL, UNIVERSITY HEIGHTS, MSIDA. The Frontend accepts the services and solution from the Company and accepts to allow the Company to install the necessary turnkey solution consisting of Communication equipment, communication line and the first installation of 4 computer systems hardware and software. The Frontend will provide an adequate location, desks and a stable power supply to the System. In this contract, this turnkey solution is referred to as the System. Additions to the System, upgrades or replacements at a later date by the Company at the Frontend will form part of this contract and will be noted accordingly by a delivery and/or installation note."*

---

[7] Dok A fol 8-13
[8] Dok B fol 14
[9] Dok C fol 15
[10] Dok D fol 16
[11] Is-soċjetà attriċi (**The Company**) u s-soċjetà konvenuta (**Frontend**)

10. Fost il-kundizzjonijiet formanti parti mill-kuntratt hemm is-segwenti klawsola, li tagħmilha ċara li s-soċjetà konvenuta ma tistax minn jeddha tinstalla *access points* oħra tal-internet li jkunu disponibbli għall-użu tal-klijenti tagħha:

> *“Other Systems:*
>
> *The Frontend may not have any other internet access points, within this same building, complex or address, available for use by the customers. This also applies if the internet access service is being offered free of charge, against a payment, or bundled with other products or services.”*

11. Il-kuntratt jinkludi wkoll is-segwenti klawsoli dwar inadempjenza u dwar terminazzjoni qabel id-data tal-iskadenza tal-ftehim:

> *“Non-compliance*
>
> *If any of the clauses in this contract are not adhered to by the Frontend, this would be considered as a request to buy the computer system and communications hardware located at the Frontend. The Frontend will pay the price of the computer system hardware to the Company within 10 days from a written request made by the Company to the Frontend. Only the hardware will be sold to Frontend at the following price:*
>
> *Price of each computer, monitor and networking: Lm850 each set.*
>
> *The above price will remain constant and no depreciation will be applied to the value.*
>
> *The software and any related patents remains the property of the Company at all times.*
>
> *Failure to pay for the computer system hardware in the prescribed time will automatically mean that the equipment is on hire at Lm10 per day per computer system, till the time when the price of the computer system hardware is paid in full by the Frontend.*
>
> *During this period of non-compliance, the Company will suspend all services to the Frontend including but not limited to support, taking*

*back the software, hardware and the cancelling of the communications line.*

*Non Compliance will result in a termination of this contract by the Frontend and the following clause applies.*

*Termination prior to End of Contract:*

*In addition to the Non-Compliance clause above, if this contract is terminated by the Frontend before the period of this contract, the Company will request the Frontend to pay and the Frontend accepts to pay to the Company, the amount of money to cover the loss of income which the Company will sustain because of this termination. This amount will be calculated on the following system:*

*The maximum number of computers installed at the Frontend at any time during this contract multiplied by the usage of four hours per day, multiplied by the number of days remaining to end the contract, multiplied by the chargeable price per hour at the time of termination, divided by two in order to reflect the 50/50 income split:*

*(Maximum no of computers x 4 x days remaining to end of contract x hourly rate / 2)"*

**Il-ksur *o meno* tal-kuntratt:**

(l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta)

12. L-Ewwel Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwalil tagħha billi tfiet is-sistema u talbet lill-attriċi tieħu t-tagħmir tagħha kollu lura qabel ma skada t-terminu tas-servizz. Għalkemm is-soċjetà konvenuta fis-sottomissjonijiet tagħha argumentat li s-soċjetà attriċi qed tistrieħ fuq il-ksur tal-klawsola tal-kuntratt li permezz tagħha ġie stipulat li ma setgħetx tipprovdi servizz ta' internet ieħor lill-klijenti tagħha, ħlief dak ipprovdut mis-soċjetà attriċi, l-Ewwel Qorti rriteniet li dan mhux minnu għaliex:

> *"l-azzjoni attriċi hija fil-fatt ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-intimata kisret l-obbligi tagħha billi tfiet is-sistema, u allura tterminat il-kuntratt qabel il-waqt, liema allegazzjoni l-Qorti tqis illi ġiet ippruvata minnha fil-mori tal-kawża."*

13. Din il-Qorti ssib li għandha raġun is-soċjetà konvenuta tilmenta f'dan ir-rigward, però fil-fatt is-soċjetà attriċi mhux biss qed tibbaża l-allegazzjoni tal-ksur tal-kundizzjonijiet (*non-compliance*) fuq l-istallazzjoni ta' *access points* oltre dawk tagħha, iżda <u>wkoll</u> fuq it-tifi tas-sistema. Is-seba' premessa tas-soċjetà attriċi fil-fatt taqra hekk:

> *"7. Illi s-soċjeta` intimata qabdet u tfiet is-sistema u installat l-internet access points tagħha u b'hekk kisret il-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt".*

14. Għaldaqstant ma kinitx korretta l-Ewwel Qorti meta skartat il-kwistjoni tal-*internet access points* u jekk dawn jikkostitwixxux ksur tal-obbligi kuntrattwali; għalhekk din il-Qorti ser ikollha tagħmel tali eżerċizzju hi. Kif fuq spjegat, il-kuntratt jinkludi klawsola taħt l-intestatura "*Other systems"* li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta ntrabtet li ma tinstallax *access points* tal-internet oltre dawk provduti mis-soċjetà attriċi għall-użu tal-klijenti tagħha. Mhux ikkontestat li fil-fatt kien hemm tali *access points* stallati mis-soċjetà konvenuta stess. Is-soċjetà konvenuta però ssostni li tali *access points* ma kinux għall-użu tal-klijenti tagħha. Fl-affidavit tiegħu <u>Emanuel Stivala</u> mis-soċjetà konvenuta xehed hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

> *"Fit-2003 pero` bdejt infittex kumpaniji li joffru soluzzjonijiet għal sistema ta' internet kafe` peress li kelli domanda mill-klijenti tiegħi għal dan is-servizz. Meta ngħid il-klijenti tiegħi qiegħed nirreferi għar-*

*residenti tal-flats kif ukoll niex li kienu jidħlu fil-bar minn barra. Ma tantx kien hawn kumpaniji joffru dan it-tip ta' servizz u l-unika kumpanija li mort għandha kienet Tabone Computers Limited għax kont rajt reklam. Jiena kont tkellimt direttament mas-sur Joe Tabone li wara diversi laqgħet ippreżentali kuntratt biex niffirma.*

*Is-sur Joe Tabone kien spjegali (li) jiena kelli nixtri d-desks tal-computers, ninstalla linja tat-telephone dedikata għalihom u noħroġ polza t' assikurazzjoni fuq l-istess computers, kif jiena fil-fatt għamilt. Bħala insurance jien kont żidt il-computers mal-polza li tkopri l-bar. Il-linja tat-telephone kont ġibtha mingħand il-GO u allura l-komputers ta' Tabone kienu imqabbdin ma' din il-linja.*

*…..*

***Lejn l-aħħar tat-2005 iddeċidejt li nġib satellita għax diversi klijenti bdew jitolbuni football fil-bar. Allura, u speċjalment peress li kienet ġejja l-World Cup jien kont installajt is-satellita li ukoll kellha bżonn tal-internet biex taħdem. Peress li l-computers ta' Tabone kellhom bżonn linja dedikata għalihom jien kont installajt it-tieni servizz tal-internet biex inħaddem is-satellita. Dan kont ġibtu mingħand il-MELITA u fil-fatt għadu hemm sa llum bħal ma għadha s-satellita.***

***Is-servizz kien installat fl-uffiċċju tiegħi immarkat bħala flat 2 fl-istess blokka fejn hemm il-bar u ħadd ħlief jien u l-accountant tiegħi ma għadu jew qatt kellu aċċess għal dan is-servizz, la bil-ħlas, u wisq anqas b'xejn. L-uniku aċċess għall-internet li hemm għall-pubbliku fil-blokka huwa permezz tal-computers ta' Tabone."***

15. <u>Din il-Qorti ma tqisx li l-installazzjoni tat-tieni servizz tal-internet (oltre dak tas-soċjetà attriċi) jammonta għal ksur taħt il-klawsola "*Other systems*".</u> Dan qed jingħad għaliex is-servizz tal-internet għall-użu tal-klijenti *tramite* l-komputers tas-soċjetà attriċi, baqa' tal-istess soċjetà attriċi. Il-fatt li t-*television* tqabbad ma' satellita li kienet imqabbda ma' servizz ta' internet differenti ma jnaqqas xejn mis-servizz tal-internet tas-soċjetà attriċi li kien għadu disponibbli għall-klijenti tas-soċjetà konvenuta. L-istess jingħad għall-fatt li tali servizz tal-internet differenti kien jintuża speċifikatament għall-internet da parti tal-istess Emanuel Stivala u l-

*accountant* tiegħu. Tant is-servizz tal-internet għall-użu tal-klijenti tas-soċjetà konvenuta baqa' dak tas-soċjetà attriċi, li wara l-2005 (meta installat *access points* oħra għas-satellita u għall-użu personali fl-uffiċċju) hija baqgħet tixtri l-*vouchers* tal-internet mingħand is-soċjetà konvenuta sa seba' snin wara (ċioè sal-2012 meta nqalgħet il-kwistjoni odjerna).

16. Kwantu għat-tifi tas-sistema, is-soċjetà konvenuta targumenta li fl-ewwel lok il-kuntratt ma jispeċifikax li s-sistema trid titħaddem 24 siegħa kuljum, u fit-tieni lok tilmenta li s-soċjetà attriċi għamlet mandat ta' inibizzjoni mingħajr ma ndenjat tindaga għaliex is-sistema ntfiet: targumenta li dak li għamlet is-soċjetà attriċi għamlitu b'malizja biex tissimula ksur tal-kuntratt li minħabba l-avvanz teknoloġiku ma kienx qed jirrendilha daqs kemm kien jirrendilha fis-snin l-imgħoddija.

17. Fix-xhieda tagħha, <u>Lara Tabone Jacono</u>, bint Joe Tabone, u li taħdem mas-soċjetà attriċi, xehdet hekk:

> *"Fil-17 ta' Lulju 2012 kien ċempel l-uffiċċju Emanuel Stivala u rrispondejtu jiena. Kien qalli sabiex nibgħat in-nies tal-kumpanija sabiex jaqilgħu il-computers u l-equipment li l-kumpanija kellha installat fil-post tiegħu sabiex tagħtih is-servizzi tal-internet u servizzi relatati mal-internet. Jiena ghidtlu li ma kontx inkarigata biex nagħmel dawk l-affarijiet u komplejt ngħidlu biex jikkomunika ma' missieri…."*

18. Issir referenza għas-segwenti ittra datata <u>20 ta' Lulju, 2012</u> (ċioè tlett ijiem wara l-allegata telefonata li tirreferi għaliha Lara Tabone Jacono) mibgħuta mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta:

> *"Further to our on-site visit we have seen that you have installed your*

> *own internet access points.*
>
> *This month you have switched off our systems and during the last days you have called us three times to collect the equipment back."*

L-ittra tkompli tgħid li in vista ta' dan is-soċjetà konvenuta għandha tħallas €11,879.80 in linea ta' prezz tax-xiri tal-apparat riżultat ta' *"non compliance*" u wkoll €22,681.15 minħabba "*termination prior to end of contract".*

19. Din il-Qorti ma tarax kif fiċ-ċirkostanzi it-tifi tas-sistema kellha titqies bħala ksur ta' kundizzjoni tal-kuntratt. Dan qed jingħad għaliex iċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment il-fatt li fl-istess żmien li ntfiet is-sistema s-soċjetà konvenuta talbet lis-soċjetà attriċi tieħu lura l-apparat, jevidenzja li s-soċjetà konvenuta kienet fil-fatt qed tittermina l-kuntratt. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li dan jirrendi lis-soċjetà konvenuta responsabbli għall-ħlas ta' danni taħt il-klawsola *"termination prior to end of contract*" iżda mhux ukoll għall-penali taħt il-klawsola "*non-compliance*".

20. Għaldaqstant issib li l-ewwel aggravju tas-soċjetà konvenuta huwa fondat in kwantu ma jirriżultax li kien hemm ksur kuntrattwali.

## Il-kwantum tal-penali minħabba "*non compliance"*

(it-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta u l-ewwel ilment tas-soċjetà attriċi)

21. Is-soċjetà konvenuta fit-tieni aggravju tagħha ssostni li, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tagħha, l-ammont (temperat) ta' €10,573.02 li kkalkulat l-Ewwel Qorti in linea ta' penali minħabba "*non-compliance*" għand jiġi ridott; is-soċjetà attriċi *invece*, fl-appell inċidentali tagħha ssostni li hija s-somma sħiħa kkalkulata minnha fl-ammont ta' €11,879.80 li għandha tiġi kkundannata tħallas is-soċjetà konvenuta.

22. Ladarba din il-Qorti qed jirriżultalha li ma kien hemm l-ebda ksur kuntrattwali jsegwi li m'hemmx ammont x'jiġi likwidat in linea ta' penali minħabba "*non-compliance".*

23. Għalhekk mhux il-każ li tqis it-tieni aggravju tas-soċjetà konvenuta u l-ewwel ilment tas-soċjetà attriċi dwar il-kwantum tal-ammont f'dan ir-rigward.

**Il-kwantum tad-danni minħabba "*termination prior to end of contract*":**

(It-tieni lment tas-soċjetà attriċi)

24. Għal dak li jirrigwarda d-danni relattivi għall-fatt li s-soċjetà konvenuta tterminat il-kuntratt qabel iż-żmien, is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi s-somma ta' €22,681.15.

25. L-Ewwel Qorti wara li qieset:

- li s-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova li turi li qabel ma ntfiet is-sistema tali kompjuters (sitta) kienu qed jitħaddmu kollha kuljum għal erba' sigħat; u

- li fl-aħħar snin ħafna huma dawk li jagħmlu użu mill-i*smartphones* tagħhom biex jaċċessaw l-internet u li allura sabitha diffiċli temmen illi li kieku s-soċjetà konvenuta ma tterminatx il-kuntratt qabel waqtu, is-soċjetà attriċi kienet ser tagħmel il-qligħ li qed tirreklama bħala danni u li għalhekk il-formola mhix ġusta u ma tirriflettix ir-realtà,

ikkonkludiet li d-danni dovuti lis-soċjetà attriċi għandhom jiġu mnaqqsa bin-nofs minn €22,681.15 għal €11,340.58.

26. Is-soċjetà konvenuta fl-appell inċidentali tagħha tilmenta li in linea mal-prinċipju *pacta sunt servanda,* ma kien hemm xejn li seta' b'xi mod jiġġustifika temperament fil-likwidazzjoni *stante* li ż-żewġ partijiet qablu fuq il-formola li kellha tiġi wżata f'każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt min-naħa tas-soċjetà konvenuta.

27. Din il-Qorti tibda biex tistqarr li hija pjuttost perplessa bil-mod kif is-

soċjetà attriċi waslet għall-ammont ta' €22,681.15, somma li nħadmet fuq il-formola li ġiet kontemplata fil-kuntratt, ossia:

1352 days x 6 systems x 4 = 16,224 hrs

Rate per hour = € 2.796

16224 x 2.796 / 2 = **€ 22681.15**

(Dan il-kalkolu li sar mis-soċjetà attriċi stess jinsab proprju fl-ittra tal-20 ta' Lulju, 2012[12] surreferita, mibgħuta minnha lis-soċjetà konvenuta).

28. Madanakollu din il-Qorti tosserva li 1352 x 6 x 4 (indikati fl-ewwel linja) ma jġibux il-figura ta' 16,224 (kif ħadmitha s-soċjetà attriċi) iżda *invece* 32,448. Fil-fatt kieku s-soċjetà attriċi kkalkulat korrettement id-danni abbażi tal-formola kontemplata fil-ftehim, l-ammont finali li kienet tasal għalih kien ikun ta' €45,362.304 u mhux ta' €22,681.15:

1352 days x 6 systems x 4 = 32,448 hrs (**mhux 16,224**)

Rate per hour = € 2.796

32,448 x 2.796 / 2 = **€ 45,362.304**

29. Għalhekk ġie li kienet is-soċjetà attriċi stess li (minħabba żball matematiku) ittemperat - **bin-nofs** - l-ammont li mingħaliha għandha tippretendi skont il-formola kontemplata fil-kuntratt. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tarax li hu l-każ li tikkunsidra jekk l-Ewwel Qorti kellha jew ma kellhiex raġun tnaqqas l-ammont mitlub minn €22,681.15 għal

[12] Dok E, fol 18

€11,340.58, għaliex l-ammont ta' €22,681.15 diġà huwa fih innifsu tnaqqis sostanzjalment qawwi (minn €45,362.304) u għalhekk hija tal-fehma li għandu jitħallas fl-intier tiegħu, kif pretiż mis-soċjetà attriċi, anke jekk għal raġunijiet differenti minn dawk esposti minnha.

**<u>DECIDE</u>**

30. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda:

(a) tilqa' limitatament l-appell prinċipali tas-soċjetà konvenuta in kwantu jirriżulta li ma huwa dovut l-ebda ħlas in linea ta' penali minħabba *non-compliance* u tippreċiża li b'daqshekk ma jsegwix li t-talbiet relatati mat-*termination prior to end of contract* għandhom jiġu miċħuda wkoll (kif qed titlob l-istess soċjetà konvenuta); u

(b) tilqa' limitatament l-appell inċidentali tas-soċjetà appellanti in kwantu jirriżulta li t-€22,681.15 (tnejn u għoxrin elf, sitt mija u wieħed u għoxrin ewro u ħmistax-il ċenteżmu) mitluba in linea ta' danni minħabba *termination prior to end of contract* huma diġà ferm inqas minn dak ikkontemplat mill-formola miftehma fil-kuntratt.

31. <u>Konsegwentement qiegħda tvarja l-parti deċiżorja tas-sentenza appellata kif ġej:</u>

- Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta (li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt) u dan in kwantu jirriżulta li hija ma kisritx il-klawsola dwar in-*non compliance*;

- Tiċħad l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi (*stante* li jirrigwarda ħlas ta' penali minħabba *non-compliance* li fil-fatt ma tirriżultax);

- Konsegwentement tiċħad it-tieni talba għan-nomina tal-kuraturi deputati (*stante* li mhux il-każ li jsir bejgħ tal-*computer system* u *communications hardware*);

- Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi in linea ta' danni minħabba "*termination prior to end of contract"* is-somma mitluba ta' €22,681.15 bl-imgħax mid-data tas-sentenza (u mhux is-somma ridotta ta' €11,340.58 bl-imgħax mid-data tas-sentenza kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti).

32. <u>L-ispejjeż għandhom jitħallsu kif ġej:</u>

- Dawk tal-appell prinċipali għandhom jitħallsu bin-nofs bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta;

- Dawk tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu bin-nofs bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà attriċi;

- Dawk tal-prim istanza għandhom jitħallsu kif ikkonkudiet l-Ewwel Qorti ($^1/_3$ (wieħed minn tlieta) mis-soċjetà attriċi u $^2/_3$ (tnejn minn tlieta) mis-soċjetà konvenuta) *stante* li minkejja li s-sentenza appellata qed tiġi varjata, xorta jiġi li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas bejn wieħed u ieħor $^2/_3$ (tnejn minn tlieta) minn dak mitlub fir-rikors ġuramentat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da